Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,307, 30 ta' Awwissu, 2024
Taqsima B

A.L. 203 tal-2024

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 499.56.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "vettura ġdida bil-mutur", għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura ġdida bil-mutur" tfisser, għal finijiet ta' dawn ir-regolamenti, vettura bil-mutur li:

(a) tkun għadha qatt ma ġiet irreġistrata fl-ebda pajjiż;

(b) tkun ġiet irreġistrata darba waħda (1) biss fi kwalunkwe pajjiż ieħor iżda:

(i) ma tkunx ġiet misjuqa bil-magna tagħha stess għal aktar minn sitt elef kilometru (6,000km); u

(ii) għandha tiġi effettivament reġistrata bħala vettura ġdida bil-mutur f'Malta fi żmien tliet (3) xhur mid-data effettiva tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura ġdida bil-mutur fil-pajjiż l-ieħor;".

Jemenda r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (2) tar-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tielet proviso tiegħu, il-kliem "Malta heritage buses." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Malta heritage buses:"; u

(b) minnufih wara t-tielet proviso tiegħu kif emendat,

għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-vettura ġdida bil-mutur li tkun ġiet reġistrata fi kwalunkwe pajjiż ieħor u tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dawn ir-regolamenti, ma għandhiex titqies bħala vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li ma hijiex ġdida skont dan is-subregolament.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali kif emendat, għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Kondizzjoni għat-trasferiment ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

28A. Vettura ġdida bil-mutur li tkun ġiet irreġistrata f'pajjiż ieħor bħala vettura ġdida bil-mutur qabel ir-reġistrazzjoni tagħha f'Malta, għandha titqies bħala vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li ma hijiex ġdida skont ir-regolament 28, jekk l-operatur jew il-persuna awtorizzata mill-operatur li tkun id-detentriċi tal-imsemmija reġistrazzjoni, jittrasferixxu s-sjieda tal-vettura lil terzi persuni qabel l-iskadenza ta' tliet (3) snin mid-data tar-reġistrazzjoni tal-vettura f'Malta.".